**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' April, 2002

**Numru 4**

**Avviz.  numru 142/02JR**

**Alfred Tanti**

**vs**

**Mark Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sebgha u tletin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm37.47), spejjez sborsati mill-attur sabiex jibdel is-sistema ta' l-ignition tal-mutur targat EAH-714 proprjeta` ta' l-attur, u dan stante li l-istess konvenut ghogbu jiehu c-cavetta mill-ignition ta' l-istess, waqt li l-mutur kien parkeggjat f'Valley Road, Msida u dan kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-2 ta' Jannar, 2002. Bl-imghax sal-hlas effettiv.**
**Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Frar, 2002, fejn qal illi t-talbiet attrici huma esagerati u illi l-attur kien tempestiv fl-istituzzjoni ta' l-azzjoni u messu pprova jasal ghal soluzzjoni bonarja, u b'hekk il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat spejjez ta' dina l-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Tanti u ta' Mark Attard. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi din il-kawza tirrigwarda danni kagunati meta l-konvenut seraq ic-cavetta tal-mutur ta' l-attur, li b'konsegwenza kellu jibdel l-ignition, u spejjez inkorsi biex jidentifika min ghamel id-danni.**

2. **Jirrizulta ampjament li kien il-konvenut li ghamel id-danni dolozament fil-mutur ta' l-attur. Ma hemm ebda raguni l-ghala dan it-Tribunal ghandu jimmitiga fir-rigward tad-danni reklamati, li gew pruvati bid-dokumentazzjoni oppportuna. It-Tribunal jinnotali l-eccezzjonijiet sollevati huma piuttost frivoli, pero` it-Tribunal fir-**

**rigward mhux ser ikabbar il-pjaga bl-applikazzjoni ta' l-artikolu opportun.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-hsarat kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa` it-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebgha u tletin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm37.47), bl-imghaxijiet dekorribbli mill-lum sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-2 ta' Jannar, 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**